XEWKIJA

*MINUTI*
*KUNSILL LOKALI XEWKIJA*
*LAQGĦA NRU 408*
*IS-SITT KUNSILL - LAQGĦA NUMRU 36*
*Il-Ġimgħa 7 ta'Mejju, 2010*

*Il-Membri tal-Kunsill tax-Xewkija ltaqgħu fl-Uffiċċju tal-Kunsill u l-laqgħa bdiet fis-6.45pm.*

*Preżenti:* *Dr. Monica Vella - Sindku*
*Mr. Teddy Mizzi*
*Mr Hubert Saliba*

*Skużati:* *Mr. Joseph Vella - Viċi Sindku*
*Dr. Marthese Portelli*

*Uffiċjali:* *Mr. Ruben Cassar*

*Intqalet it-talba.*

*Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 407 kienu tqassmu qabel u għalhekk ġew mgħoddija bħala moqrija u ġew approvati unanimament.*

**1. Ittra ta' Direzzjoni 2009**

Il-Kunsill iddiskuta fit-tul l-Ittra ta' Direzzjoni 2009. Il-Kunsill qabel li għandu jimxi mar-rakkomandazzjonijiet li għamel l-Uditur. Il-Kunsill qabel li għandna nibgħatu r-risposta tal-Kunsill għall-Ittra ta' Direzzjoni 2009.

**2. Rapport Annwali Amministrattiv:- April-Diċembru 2009**

Is-Segretarju għadda kopja tar-Rapport Annwali Amministrattiv lill-membri tal-Kunsill. Dan ġie diskuss u approvat unanimament.

**3. Il-Kunsill approva li jsiru l-ħlasijiet kif imniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Nr. 6-27**

**4. Laqgħa mal-Kumitat tan-Nar**

Preżenti f'dan il-ħin kien hawn Josef Hili, Domenic Cilia u Anthony Farrugia. F'isem il-Kumitat tan-Nar, Josef Hili nforma lill-Kunsill li l-Kumitat tagħhom jixtieq li s-Sibt ta' qabel l-festa tar-raħal, li din is-sena ser ikun id-19 ta' Ġunju, jorganizzaw Bike Show li jkun jinkludi attivitajiet ta' divertiment oħra bħal festival tal-birra, talent lokali, kant, żfin eċċ.

Josef qal li l-Kumitat tiegħu jixtieq li din l-attivita tibqa' ssir kull sena u għalhekk tidħol fil-kalendarju kulturali tar-raħal tagħna. Huwa qed jitlob l-għajnuna tal-Kunsill biex din l-attivita tkun tista' ssir. Il-Kunsill flimkien mal-membri tal-Kumitat tan-Nar preżenti ddiskutew dwar

kif tista' tkun organizzata din l-attivita. Il-Kunsill talab lil Kumitat tan-Nar biex jiġbor stimi tal-ispejjeż involuti biex din l-attivita tkun tista' ssir.

Il-Kunsill qabel mal-inizzjattiva li qed jieħdu l-Kumitat tan-Nar u fejn huwa possibbli ser jgħin biex tittella' din l-attivita. Il-Kunsill qed jikkonsidra biex din l-attivita tidħol fil-kalendarju kulturali tiegħu u jibda jorganizza din l-attivita l-Kunsill stess bl-għajnuna tal-istess Kumitat Tan-Nar. Għal dan il-għan il-Kunsill qabel li meta d-Dipartiment għall-Gvern Lokali joħroġ l-iskemi dwar l-attivitajiet tal-2011, napplikaw dwar din l-attivita.

## 5. Laqgħa mal-Kummissjoni Armar ta' Triq San Bert

Preżenti f'dan il-ħin kien hawn Luke Galea, Charles Borg u David Azzopardi. David Azzopardi f'isem il-Kummissjoni Armar ta' Triq San Bert informa lill-Kunsill li l-għaqda tiegħu qed tipproponi lill-Kunsill biex issir attivita li l-attrazzjoni prinċipali tagħha tkun wirja bl-armar tal-festi tal-irħula kollha minn Għawdex. Din il-wirja tkun tista' ssir fi Triq San Bert. Huwa qed jipproponi sabiex din l-attivita issir f'Mejju tal-2011.

Il-Kunsill u l-membri tal-Kummissjoni Armar ta' Triq San Bert preżenti ddiskutew kif tista' ssir din l-attivita. Peress li ftit tal-ħin ilu l-Kunsill iddiskuta attivita oħra mal-Kumitat tan-Nar, ġie suġġeriet li dawn iż-żewġ għaqdiet jaħdmu flimkien u nikkordinaw biex issir attivita waħda fl-istess żmien.

Għalhekk il-Kunsill qabel li meta d-Dipartiment għall-Gvern Lokali joħroġ l-iskemi dwar l-attivitajiet tal-2011, napplikaw biex dawn iż-żewġ attivitajiet ninkluduhom fl-istess applikazzjoni.

## 6. Kunsill Lokali tat-Tfal

F'Novembru li għadda, bħala parti mill-attivitajiet ta' Jum ix-Xewkija, il-Kunsill kien waqqaf il-Kunsill Lokali tat-Tfal. Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li hija qed tattendi għal-laqgħat ta' dan il-Kunsill liema laqgħat qed isiru darba fix-xahar. Fl-aħħar laqgħa huma ddiskutew il-possibilta li l-Abbatini li jgħinu waqt il-Quddiesa meta ssir fl-iskola jkollhom ukoll l-ilbies ta' abbatini. Il-Kunsill qabel li nwettqu din il-proposta u għalhekk se jinxtara d-drapp biex isiru dawn l-ilbies tal-abbatini.

## 7. Kiosks tal-Festa 2010

Il-Kunsill iddiskuta dwar fejn għandhom jitpoġġew il-Kiosks fi żmien il-festa. Il-Kunsill kien irċieva petizzjoni minn residenti ta' Triq Arċ. Ciantar fejn ilmentaw dwar il-fatt li ħafna mill-Kiosks qed ikunu quddiem tagħhom u dan qed ikun ta' inkonvenjent. Barra minn hekk quddiem parti mill-istess triq li qabel kienet plot vojta, issa nbniet u fi ftit ġimgħat oħra se tkun abitata. Il-Kunsill diġa ddiskuta dwar dan is-suġġett aktar kmieni din is-sena iżda ma ttieħditx deċiżjoni finali dwar kif ser inqassmu l-Kiosks. Wara diskussjoni fit-tul, il-Kunsill qabel li l-Kunsillieri Teddy Mizzi u Hubert Saliba għandhom jitkelmu ma' tal-Għaqda tal-Armar biex jekk ma jsibux oġġezzjoni, uħud mill-Kiosks jarmaw fi Triq San Bert. Dawk li soltu jarmaw fi Triq Arċ Ciantar in-naħa tal-Knisja, jibqgħu fl-istess post filwaqt li dawk li soltu jarmaw faċċata, jibdew jarmaw fi Triq San Bert.

XEWKIJA

## 8. Korrispondenza: il-korrispondenza ġiet ċirkulata u diskussa

**Mill-Korrispondenza**

i. Il-Mepa nfurmat lill-Kunsilli Lokali li wara laqgħat li hija kellha mal-AKL waslu fi ftehim sabiex kull Kunsill Lokali jaħtar persuna u din tingħata aktar aċċess għas-sistema e-applications. Faċilitajiet li se jiżdiedu fost oħrajn hija li l-Kunsill ikun jista' jara DPA reports. Fil-preżent il-persuna maħtura mill-Kunsill hija s-Segretarju Eżekuttiv u għalhekk il-Kunsill qabel li dan is-servizz il-ġdid għandu japplika għalih is-Segretarju Ezekuttiv.

ii. Il-Perit Annamaria Attard Montalto f'isem Emanuel Saliba, infurmat lill-Kunsill li applikat għall-permess ta' żvilupp fi Triq tal-Eħbiel (li qabel kienet Triq Mgarr Nru 1). Il-Perit qalet li l-permess ma jistax johroġ peress li hemm avviż ta' infurzar mill-Mepa dwar twessigħ ta' sqaq liema xogħol kien sar mill-Kunsill Lokali xi snin ilu. Il-Perit qed titlob lill-Kunsill japplika mal-Mepa sabiex jissanzjona il-permess eżistenti u b'hekk l-isqaq jibqa' wisgħa kif inhu fil-preżent. Il-Kunsill iddiskuta dwar dan is-suġġett u qabel li jista' japplika għall-permess biex jitwessa' l-isqaq. Fil-fatt il-Kunsill diġa talab lill-Perit John Saliba (li kien il-Perit inkarigat meta sar ix-xogħol mill-Kunsill preċedenti) l-opinjoni tiegħu. Il-Perit Saliba nforma lill-Kunsill li x-xogħol ma kienx sar skond il-permess peress li l-isqaq twessa' aktar milli kien. Il-Perit qal li l-Kunsill jista' jagħmel applikazzjoni biex jissanzjona dan il-permess iżda m'hemmx garanzija li l-Mepa se tapprova dan it-tibdil anzi huwa tal-opinjoni li aktarx li jiġi rifjutat. Is-Sindku pproponiet li l-ispejjeż relatati biex napplikaw għal dan il-permess għandhom isiru mir-resident imsemmi hawn fuq u li qed japplika għall-iżvilupp f'dawn l-inħawi. Dan għar-raġuni li s-sanzjoni ser issir biss għall-benefiċċju tal-istess resident. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u għalhekk il-Perit Annamaria Attard Montalta se tiġi nfurmata b'dan.

iii. Cynthia Misokova mis-Segretarjat Parlamentari Għall-Konsumatur, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali u Informazzjoni, infurmat lill-Kunsill li l-applikazzjoni tal-Kunsill dwar l-iskema tas-siġar kienet ġiet aċċettata. Hija nfurmat lill-Kunsill li għalkemm l-iskema kienet biex tkopri l-ispejjeż kollha tas-siġar, dan mhux ser ikun possibbli u għalhekk is-Segretarjat qed joffri li terz tas-siġar jitħallsu mill-Kunsill filwaqt li l-kumplament jingħataw b'xejn. Cynthia nfurmat lill-Kunsill li l-ispiża għal terz tas-siġar (terz ta' ħamsin siġra) hija ta' €1670. Il-Kunsill qabel li dan huwa ammont sostanzjali u mhux possibbli li naċċettaw li nixtruhom. Il-Kunsill irid jikkonsidra li barra l-ispiża biex jinxtraw is-siġar għandu spiża oħra biex jagħmel il-ħofor u jġib il-ħamrija fejn se jitħawlu l-istess siġar. Barra minn hekk il-Kunsill irid imantni l-istess siġar regolarment speċjalment matul ix-xhur tas-sajf. Is-Sindku pproponiet li nitolbu lis-Segretarjat sabiex jagħtina ż-żewġ terzi tas-siġar li se jingħataw b'xejn u b'hekk il-Kunsill ma jidħolx fi spejjeż żejda. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u għalhekk Cynthia Misokova se tiġi nfurmata b'dan.

iv. Carmel Zammit mill-Fondazzjoni JP2, informa lill-Kunsill dwar żewġ attivitajiet li jistgħu jsiru bil-koperazzjoni tal-Kunsill. Huwa qed jipproponi li ssir attivita fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm, nhar il-Ħadd 9 ta' Mejju u oħra fit-13 jew 25 ta' Mejju. Għall-attivita ta' Jum l-Omm qed jipproponi li jsir kunċert mużikali li jkun mtella' minn 'trio recital harp, flute and cello'. L-ispiża għal din l-attivita hija ta' €200. Dwar l-

attivita l-oħra li tkun bħala parti mill-JP2 Memorial Festival huwa qed jipproponi li jittella' kunċert mużikali fil-Mużew tal-Iskultura fi Knisja Rotunda bl-attrazzjoni prinċipali jkun l-istrument Clavichord. L-ispiża għal din l-attivita hija ta' €300 u magħhom trid iżżid l-ispiża ta' trasport għal Clavichord minn Malta għal Għawdex u lura. Dwar din il-korrispondenza s-Sindku nfurmat lill-Kunsill li hija kienet talbet lil Carmel Zammit sabiex jissuġġerixxi x'attivita tista' issir fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm kif saru fis-snin preċidenti. Sfortunatament il-proposti ta' Carmel Zammit li jinkludu l-istimi tal-attivitajiet waslu illum stess u għalhekk mhux ser ikun possibbli li norganizzaw dawn l-attivitajiet għax lanqas baqa' żmien biżżejjed biex nagħmlu l-avviżi neċessarji. Barra minn hekk dawn jinvolvu wkoll ċerta ammont ta' spejjeż u l-Kunsill irid joqgħod attent biex ma jaqbiżx l-ammont tal-baġit tiegħu. Għalhekk il-Kunsill ma qabilx li għandhom isiru dawn l-attivitajiet.

v. L-AKL infurmat lill-Kunsilli Lokali li approvaw li jiffirmaw il-Patt tas-Sindki li l-iffirmar ser isir fl-4 ta' Mejju 2010. Huma bagħatu dettalji dwar biljetti tal-ajru u akkomodazzjoni. Il-Kunsill kien approva li s-Sindku għandha tiffirma l-Patt tas-Sindki u għalhekk hija attendiet għal din iċ-ċerimonja li saret fi Brussels.

vi. Daniel Tabone mill-Greenpak bagħat draft ta' fuljett li jinkludi materjal edukattiv dwar kif għandu jiġi separat l-iskart u dwar l-użu tal-Bring in Sites. Il-Kunsill qabel li għandna nikkoperaw mal-Greenpak sabiex inqassmu dan il-fuljett lir-residenti kollha tax-Xewkija.

vii. Mary Azzopardi (li toqgħod barra minn Malta iżda għandha post/plot fi Triq Arċ Ciantar) bagħtet email f'isem ħutha wkoll fejn ilmentat dwar il-Bring in Sites li tpoġġew fl-istess triq. Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li fl-uffiċċju kienu ġew jilmentaw dwar l-istess Bring in Sites, Frankline Zammit u Noel Caruana filwaqt li Ġuża Cauchi għamlet l-ilment tagħha permezz ta' telefonata. Dawn huma kollha residenti jew għandhom post f'din it-triq. Bħalissa li qed jiġri huwa li dan il-Bring in Sites xi persuni qed iħarkuhom minn fejn iħallihom il-kuntrattur. Il-Kunsillier Hubert Saliba qal li huwa jaqbel li dawn il-Bring in Sites għandhom jitneħħew anke minħabba l-fatt li qegħdin ma' ġenb il-Knisja. Is-Sindku ma qablitx li għandna nneħħuhom peress li kull fejn jitpoġġew il-B.I.S. ser ikollna l-ilmenti mir-residenti u nispiċċaw kull darba nneħħuhom minn post għall-ieħor u għalhekk issuġġeriet li għandna nagħtu aktar żmien qabel tittieħed deċiżjoni. Il-Kunsillier Teddy Mizzi ppropona li dawn il-Bring in Sites inħalluhom sa żmien il-festa peress li fi żmien il-festa jridu jitneħħew. Wara l-festa l-Kunsill jiddeċiedi jekk għandux jerġa' jagħmilhom jew le. Huwa ssuġġerixxa wkoll li jistgħu jitpoġġew fi Triq Rotunda. Il-Kunsill qabel mal-proposta tal-Kunsillier Mizzi u għalhekk il-Bring in Sites se jitħallew fejn qegħdin bħalissa. Sadanittant il-Kunsill qabel li npoġġu sett ta' Bring in Sites fi Triq Rotunda. Wara l-festa l-Kunsill jiddeċiedi jekk dawk ta' Triq Arċ. Ciantar għandhomx jerġgħu jitpoġġew jew le.

viii. L-Assistent Direttur tad-Dipartment Għall Gvern Lokali, is-Sur James Catania nforma lill-Kunsilli Lokali Għawdxin li peress li l-iskema ta' pooling tal-ħaddiema IPSL qed tirnexxi, id-Dipartiment qed jipproponi li l-Kunsilli Lokali li għandhom ħaddiema tal-iskema ex WSC jgħadduhom lid-Dipartiment biex jitpoġġew ma' tal-pooling ukoll. Wara kull Kunsill jagħmel it-talbiet tiegħu għall-ħaddiema u jitqassmu skond it-talbiet li

jkun hemm. Din hija skema volontarja u kull Kunsill jista' jibqa' jżomm il-ħaddiema li għandu. Il-Kunsill iddiskuta dwar dan is-suġġett u qabel li għandna nżommu l-ħaddiema li għandna magħna u ma nibgħatuhomx mal-iskema tal-pooling tal-IPSL.

ix. Aldo Formosa mill-Uffiċċju tal-Meusac informa lill-Kunsill li dwar l-applikazzjoni li għamilna tal-ERDF (Regeneration of Xewkija Historic Centre) irridu nimlew applikazzjoni oħra għall-fond ta' ko-finanzjament. Il-Kunsill qabel li għandna nimlew din l-applikazzjoni.

x. Il-Meusac infurmaw lill-Kunsill dwar żewġ applikazzjonijiet li se joħorġu fi żmien qasir għall-fondi mill-EU. Il-Kunsill qabel li ninfurmaw lill-Meusac li aħna nteressati li napplikaw għal dawn il-fondi. Il-Kunsill qabel li s-Sindku għandha tirrappreżenta lill-Kunsill meta jsiru laqgħat mal-Meusac dwar dawn l-applikazzjonijiet.

xi. Frankie Magro lmenta mal-Kunsill dwar isem ġdid (Triq tal-Ġidi) li ngħata lil triq ġdida li minn Triq San Bert twassal għal Triq Mġarr. Huwa qal li f'Diċembru 2008 kien kiteb ittra lill-Kunsill dwar x'isem għandu jingħata lil din it-triq. Huwa qed jissuġġerixxi li tissemma għal Frenċ Magro li jiġi missier Rosa Magro peress li r-raba' tal-inħawi kien kollu tiegħu u kien benefattur u kien magħruf u maħbub fost ix-Xewkin u l-Għawdxin. Il-Kunsill iddiskuta dwar din l-ittra li rċevejna fl-14 ta' April 2010. Il-Kunsill ma kienx irċieva l-ittra li semma Frankie Magro li qal li huwa bagħat f'Diċembru 2008. Barra minn hekk it-triq li ssemmiet Triq tal-Ġidi kienet ġiet approvata li tissemma hekk mill-Kumitat Għall-Ismijiet ta' Toroq fi Frar 2008 u għalhekk għaxar xhur qabel l-ittra li qed jgħid li kien kiteb Frankie Magro. Madanakollu l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni li l-isem tat-triq jinbidel u flokk Triq tal-Ġidi tissemma Triq Rosa Magro (Rosa Magro kienet Kap tal-Iskola Primarja tax-Xewkija fiż-żminijiet diffiċċli ta' żmien t-tieni gwerra dinjija fejn anke kienet tagħmel lezzjonijiet mid-dar tagħha u kienet benefatriċi). Il-Kunsill ma qabilx li għandha tissemma' għal Frenċ Magro. Għalhekk is-Segretarju għandu jinforma lill-Kumitat għall-Ismijiet ta' Toroq dwar dan.

## 9. Materja oħra

i. Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li reġa' wasal iż-żmien li nibdew insaqqu s-siġar u fjuri li għandna f'diversi ġonna pubbliċi. Huwa nforma lill-Kunsill li kien talab stima lil Richard Attard (li kien jagħmel dan ix-xogħol fis-snin preċedenti). Richard Attard qallu li ser iżomm l-istess prezz tas-sena l-oħra li huwa ta' €30 għal kull bowser. Il-Kunsill qabel li nordnaw it-tisqija tas-siġar u fjuri għand Richard Attard.

ii. Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li fit-13 ta' April kien attenda għal-laqgħa mal-Kumitat għall-Ismijiet ta' Toroq fejn iddiskutew dwar il-problema ta' Triq Majmuna/Triq Taċ-Ċnus u anke dwar isem ġdid għal triq li minn Triq Madonna tal-Ħniena twassal għal Triq tal-Ħorob. Dwar il-problema ta' Triq Taċ-Ċnus (peress li r-residenti riedu li t-triq tibqa' Triq Majmuna) il-Kumitat għall-Ismijiet ta' Toroq ma jaqbilx li din tibqa' tagħmel ma' Triq Majmuna peress li t-triq tikser u għalhekk dik il-parti tiġi triq oħra. Il-Kumitat staqsa jekk il-parti fejn issemmiet Triq Taċ-Ċnus hiex ser twassal sa Triq Ġuże D'Amato biex fil-każ il-parti ta' fuq tingħatha isem differenti. Jekk le, l-istess parti issir ukoll Triq Taċ-Ċnus. Skond pjanta tal-Mepa ma jidhirx li din it-triq se

twassal sa Triq Ġużè D'Amato anke minħabba l-fatt li diġa hemm il-bini bejn iż-żewġ toroq (bejn Triq taċ-Ċnus u Triq Ġużè D'Amato). Għalhekk il-Kunsill se jinforma lill-Kumitat dwar dan u nistennew deċiżjoni minn naħa tagħhom. Dwar triq ġdida fl-inħawi tal-Ħorob, il-Kumitat issuġġerixxa li din tissemma' Triq il-Bir tal-Franċiżi peress li fl-inħawi qrib (fejn hemm il-Kappella tal-Madonna tal-Ħniena) kien hemm bir li jgħidu li meta fl-1798 kienu telgħin il-Franċiżi minn Chambrei għaċ-Ċittadella, l-Għawdxin qabduhom u tefgħuhom ġo dan il-bir. Skond il-Kumitat għall-Ismijiet ta' Toroq dan il-bir kien jinsab fejn illum hemm iz-zuntier tal-Kappella tal-Madonna tal-Ħniena. Il-Kunsill qabel li m'għandix tittieħed deċiżjoni illum dwar l-isem ta' din it-triq. Il-Kunsill qabel li għandna nipproponu ismijiet oħra għal din it-triq u wara jintgħażel l-aktar wieħed adattat.

iii. Lisa Bezzina ta' Joannes Triq Sta Eliżabetta, talbet biex issir il-bankina tagħha peress li tinsab fi stat ħażin. Il-Kunsill qabel li din il-bankina tiżdied mal-lista ta' bankini li għandna biex isiru mill-WD.

iv. Joseph Xuereb ta' 97 Triq San Ġwann, talab sabiex jitwaħħal bank fl-istess triq. Huwa qal li f'dan il-post kien hemm bank iżda tneħħa meta t-triq saret bit-tarmak. Il-Kunsill qabel li għandna nordnaw għand l-MSD biex jeħel dan il-bank.

v. Denis Tabone ta' Hanover, Triq Sta Eliżabetta, talab li jingħata ftit materjal biex jirranġa l-bankina. Ix-xogħol se jagħmlu huwa stess peress li bħalissa qed jagħmel xi xogħol privat fir-residenza tiegħu u għalhekk ikun jista' ikompli għaddej bix-xogħol meħtieġ biex issir il-bankina. Il-Kunsill qabel li nagħtuh il-materjal li għandu bżonn.

vi. Charlie Attard ta' Triq Torri Tingi lmenta mal-Kunsill dwar il-Bring in Sites li tpoġġew fl-istess triq peress li qal li ġew taħt it-tieqa tiegħu. Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li dan l-ilment ġie solvut għar-raġuni li l-Bring in Sites kienu tpoġġew hemm peress li kien hemm karru b'dgħajsu fuqu li issa tneħħa u għalhekk il-Bring in Sites setgħu jersqu aktar lura u ma baqgħux taħt it-tieqa tar-residenza ta' Charlie Attard.

vii. Dwar l-istess Bring in Sites ta' Triq Torri Tingi, daħal ilment ieħor minn għand Anthony Xuereb li joqħgod l-Għarb iżda għandu post fit-triq imsemmija. Huwa qal li għandu bir u l-ilma tiegħu jista' jiġi kkontaminat jekk il-Bring in Sites jitħallew f'dan il-post. Huwa ppropona li dawn jitpoġġew fi Triq Sant'Indrija, ftit metri bogħod minn fejn qegħdin fil-preżent. Il-Kunsill ma qabilx li għandna nibdlu l-post ta' dawn il-Bring in Sites peress li kull fejn jitpoġġew il-B.I.S. ser ikollna l-ilmenti mir-residenti u nispiċċaw kull darba nneħħuhom minn post għall-ieħor. Il-Bring in Sites qed jinżammu fi stat nadif ħafna u qed jitbattlu kuljum.

viii. Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li Horace Ent. Ltd kien bagħat ritratt ta' trofew (forma ta' żiemel) biex jingħata meta jsir id-Defile taż-żwiemel, fil-festa tar-raħal tagħna. Dan it-trofew jiswa €9. Il-Kunsill ma qabilx li għandna nagħmlu dan it-trofew. Il-Kunsillier Hubert Saliba se jieħu ħsieb biex jagħżel trofew/tifkira li nagħtuha lis-sidien taż-żwiemel meta jsir it-tberik. Il-Kunsill qabel li għandna nżommu l-prezz baxx kemm jista' jkun (possibilment taħt €5) biex b'hekk aktar sidien jitħajru jiktbu l-bhejjem tagħhom għat-tberik u d-Defile jkun suċċess.

ix. Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li fi Triq Widnet il-Baħar fejn hemm il-Bring in Sites u quddiemhom hemm il-hedges, il-kurduna qed tinqala' bl-egħruq tal-istess hedges u anke għax forsi tintlaqat mit-trakk li jbattal il-Bring in Sites. Il-ħaddiema tal-Kunsill issuġġerew li nneħħu dawn il-hedges u ssir bankina. Il-Kunsill ma qabilx li għandna nneħħu dawn il-hedges u għalhekk għandha titranġa l-kurduna li hemm nieqsa.

x. Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li waslulu lmenti dwar periklu li hemm fi Triq Kav. L. Z. Haber minn fejn Ġnejnet it-Tfal lejn il-Heliport. Din it-triq kienet ingħatat kisja tarmak mill-Wasteserv Ltd meta kien ser isir il-ftuħ uffiċċjali tas-Civic Amenity Site f'Tal-Kus. F'din il-parti tat-triq (fil-kisra) hemm ħajt tas-sejjieħ li kważi ġġarraf kollu meta kien qed isir ix-xogħol ta' tarmak u anke bl-ilma tax-xita. Barra minn hekk meta saret it-triq bit-tarmak ma sarx reċint ('l fuq mil-livel tat-tarmak) bil-konsegwenza li jista' jsir xi inċident u xi vettura tibqa' nieżla għall-isfel. Il-Kunsill qabel li ninfurmaw lill-Wasteserv Ltd dwar dan l-ilment u l-periklu li hemm u nitolbuhom itellgħu l-ħajt tas-sejjieħ u jagħmlu reċint ukoll.

xi. Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li waslilha lment li bankina fi Triq Naġġara kantuniera ma' Triq Benneja għandha bżonn titranġa bi ftit siment. Il-Kunsill qabel li x-xogħol meħtieġ isir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

xii. Il-Kunsillier Teddy Mizzi nforma lill-Kunsill li kellu lmenti biex jitneħħa/jitħarrek bank li hemm fi Triq Sant'Indrija. Il-Kunsill qabel li jsir ix-xogħol meħtieġ mill-MSD.

Il-Laqgħa spiċċat fl-10.00pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ġimgħa 4 ta' Ġunju, 2010 fis-6.30pm.

| | |
|---|---|
| Ruben Cassar | Av. Monica Vella |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |